MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 227/2003

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Alex Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm626.67), hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phone bin-numru 99466888.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michael Grech in rapprezentanza tas-socjeta attrici jixhed bil-gurament.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (Lm626.67), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------